MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 38/2005/1

**Andreas Wilhelm Gerdes u b'nota tas-17 ta' Mejju 2006
il-Professur Ian Refalo assuma l-atti tal-kawza bhala prokuratur ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Andreas Wilhelm Gerdes.**

**v.**

**Bettina Vossberg**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li in forza taghha, wara li ppremetta:

Billi l-partijiet kienu zzewgu fil-4 ta' Ottubru, 1996 f'Malta kif jirrizulta mill-anness certifikat markat Dokument A;

U billi meta l-partijiet kienu zzewgu, il-kunsens taghhom ghal dak iz-zwieg kien vizjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-hajja konjugali u l-elementi essenzjali taghha, kif ukoll l-istess kunsens taghhom kien vizjat billi kienu eskludew diversi mill-elementi essenzjali ghaz-zwieg innifsu, fosthom l-esklusjoni ta' l-obbligu tal-fedelta`, kif ukoll ta' l-att matrimonjali;

U billi ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla effett;

U billi fil-fatt ftit snin wara li l-partijiet izzewgu, z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabilment u huma jinsabu mifruda minn xulxin skond il-ligi;

Tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg taghhom tal-4 ta' Ottubru, 1996, billi l-kunsens taghhom ghall-istess kien vizjat kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet:

Illi d-domanda ta' l-attur li z-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null ghandha tigi michuda peress illi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-kunsens moghti mill-partijiet ghaz-zwieg taghhom tal-4 ta' Ottubru 1996 kien validu u ma kienx vizzjat.

Rat id-decizjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-27 ta' April 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra tieghu;

Illi dik l-Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi mill-provi rrizulta li z-zwieg bejn il-kontendenti giet ikkuntrattata fl-4 ta’ Ottubru 1996 meta allura l-attur, li kien diga` jiggestixxi negozju espansiv, kellu 30 sena u l-konvenuta, li kienet tahdem fl-istess noegozju, kellha 32 sena. Huma kienu bdew jiffrekwentaw lil xulxin fis-sena 1993 u circa sena u nofs qabel iz-zwieg kienu diga` jikkoabitaw flimkien, tant li qabel iz-zwieg diga` kellhom l-ewwel tarbija. Sussegwentement, matul iz-zwieg kellhom it-tieni.

“Jirrizulta manifest li minhabba l-infedelta` ammessa da parti ta’ l-attur, zviluppaw problemi insormontabbli fil-hajja matrimonjali tal-partijiet, bir-rizultat li dawn isseparaw de jure fit-22 ta’ Awissu 2002.

“Illi fl-affidavits taghhom il-partijiet jaghtu kwadru differenti tac-cirkostanzi li wasslu ghat-tifrik tal-hajja matrimonjali bejniethom. L-attur jipprogetta lilu nnifsu bhala t-tip ta’ ragel li jkollu relazzjonijiet ma’ diversi nisa, u li dan il-komportament kien jezisti qabel iz-zwieg kif ukoll wara, u li il-konvenuta kienet taf b’din il “womanizing reputation” tieghu. Huwa jghid li “I made it clear to Bettina before we got married that my lifestyle and parallel relationships with other women would not stop.” u skond hu, nonostante din id-dikjarazzjoni da parti tieghu l-konvenuta accettat li tizzewwgu. Huwa jafferma li anke wara z-zwieg kellu “long standing relationships with other women” u li “after we got married a sexual relationship did not feature any more in Bettina’ s mind to a degree that made me spend even more time with other women.” u li r-relazzjonijiet intimi bejniethom spiccaw fis-sena 1997. Izda cioe` nonostante l-koppja kellhom tifel iehor li l-attur iddeskriva l-koncezzjoni tieghu bhala “accident.” U li dan kien rizultat ta’ “exceptional encounter.” L-attur isostni li l-konvenuta ma kenitx interessata li tghix il-hajja ta’ familja izda li “ultimately her focus and objective was more to take care of her own financial means and of her own visibility and business glories.” L-attur jghid li huwa qatt ma ried jizzewweg izda kellu jaccetta li jizzewweg lill-konvenuta minhabba li l-ewwel tarbija li twieldet qabel iz-zwieg kienet

registrata fuq kunjom il-konvenuta, u li biz-zwieg id-drittijiet legali tieghu fuq ibnu kienu jissahhu.

"Il-konvenuta minn naha taghha taghti verzjoni ferm aktar verosimili tas-sitwazzjoni tal-konjugi, kemm fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg kif ukoll wara. Hija tikkonferma li l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien fis-sena 1993 u fl-ahhar tas-sena 1994 kienu ddecidew li jizzewwgu u jibnu family. Di fatti huma kienu bdew jghixu flimkien qabel iz-zwieg u f'Jannar tas-sena 1995 il-konvenuta kienet harget tqila mill-attur bir-rizultat li kellha tieqaf tahdem. Hi tghid li, stante li t-tarbija twieldet qabel iz-zwieg, il-konvenuta ma kellhiex ghagla partikolari sabiex tizzewweg u riedet taccerta li "this marriage was entered in good faith and in a happy and meaningful manner." Di fatti dawn izzewwgu f'Ottubru tas-sena 1995 kemm bir-rit civili kif ukoll bir-rit religjuz.

"Il-konvenuta tinnega kategorikament li kien hemm xi ftehim fejn hi accettat li fiz-zwieg taghhom jigi eskluz l-obbligu tal-fedelta` da parti ta' xi wiehed mill-partijiet. Di fatti, meta wara z-zwieg f'Settembru tas-sena 1998 hi kienet indunat li l-attur kellu relazzjoni extra matrimonjali, "this caused a major disruption between the parties" u kien wara "a 3 month period of severe discussions" u wara li l-attur kien ipprometta li jkun fidil lejha fiz-zwieg li hi kienet accettat li tibqa' tghix mieghu. Sussegwentement f'Mejju tas-sena 1999 il-konvenuta regghet harget tqila bit-tieni tarbija u skond hi, minn Ottubru ta' l-istess sena l-attur rega' dahal f'relazzjonijet extra maritali ohra, bir-rizultat li l-partijiet iddecidew li jisseparaw f'Ottubru tas-sena 2001.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq zewg kawzalijiet bazati fuq id-dispost ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap. 255, u precizament il-*capita nullitatis* kontemplati fil-paragrafi [d] u [f].

"F'dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u

konformament ma' dan il-principju kardinali f'materja ta' prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. *Multo magis* f'kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita` tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet espressament kontemplati fil-ligi *[App. Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27.01.2006]*. Fil-kaz in disamina l-attur li qed jitlob l-annullament, sabiex jirnexxi fl-azzjoni tieghu, ghandu l-obbligu li jipprova sodisfacentement l-ezistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-*capita nullitatis* fuq indikati, jew wiehed minnhom.

"Illi rigward l-ewwel kawzali, l-attur isostni li l-kunsens "tal-partijiet" kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

"In propositu gie osservat fil-kawza *"App. C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta` kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*] "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

"Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e` necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." *[Bersini - citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghall-komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita` li tassumi dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

"Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens l-attur jew il-konvenuta kienu inkapacitati minn difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini ta' l-artikolu precitat. Mill-provi rrizulta li qabel ma zzewgu dawn kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa tlett snin, u qabel ma zzewwgu diga` kienet twieldet tarbija minn din ir-relazzjoni. Ma rrizultax li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg impreparati minghajr dik il-maturita` u l-gudizzju ghaqli dwar l-importanza tad-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

"Illi huwa minnu li matul iz-zwieg zviluppaw problemi nsormontabbli kaggjonati mill-vjolazzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` da parti ta' l-attur, izda dan ma jwassalx

necessarjament ghall-konkluzjoni li l-kunsens matrimonjali fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jew eskluzjoni pozittiva rigward dan l-obbligu da parti ta' l-attur. F' dan ir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA Marita Schembri vs Emanuel Schembri deciza 9.04.2003* fis-sens li ghandha ssir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizutaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja` mentalment dispost [b'att pozittiv tal-volonta` tieghu] li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni, u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament.

"Illi l-kontenut tal-paragrafu precedenti huwa applikabbli wkoll ghat-tieni kawzali ta' l-attur bazata fuq il-kontenut tal-para. [f] ta' l-Art.19[1] li jikkontempla l-kaz ta' vizzju tal-kunsens minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. F' dan ir-rigward l-attur qed jimputa s-simulazzjoni fil-konfront taz-zewg partijiet.

"Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habet substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Ikun hemm simulazzjoni f'kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996].*

"In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

“Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f’din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b’att pozittiv tal-volonta` taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied, u l-ben essere reciproku.

“Il-Qorti tosserva li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Anzi l-provi juru li fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta riedu li jinghaqdu fiz-zwieg bil-konsapevolezza piena tad-dmirijiet u drittijiet li l-hajja matrimonjali tesigi. Tant li dawn izzewgu kemm bir-rit civil kif ukoll bir-rit religjuz, saru diversi kuntratti pre nuzzjali relattivament ghall-aspett dwar proprjeta’, xtraw dar matrimonjali, komplew jghixu flimkien u kellhom tarbija ohra wara z-zwieg. Dan il-kwadru li jirrizulta pacifiku mill-provi jimmilita` serjament kontra t-tesi ta’ l-attur li dana zzewweg “attaparsi” jew esternament biss, u unikament biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu fuq l-ewwel tifel bl-eskluzjoni ta’ dmirijiet matrimonjali. Ma jirrizultax sodisfacentment provat li fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens tieghu l-attur eskluda b’att pozittiv tal-volonta` tieghu xi wiehed mid-dmirijiet essenzjali ghall-validita` tal-kuntratt taz-zwieg.

“In fine hija opportuna l-osservazzjoni li mill-provi akkwiziti l-Qorti thoss li l-verzjoni tal-konvenuta hija aktar verosimili u realistika meta ezaminata fl-isfond ta’ dawk il-fatti li mhux kontestati; u li t-tifrik taz-zwieg in disamina huwa dovut ghall-komportament sleali da parti ta’ l-attur fil-konfront tal-mara tieghu, li minnflok qed jinqeda bl-agir abusiv tieghu sabiex jittanta jannulla zwieg li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi m’huwiex null stante li kien validu fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

“In konkluzjoni hija opportuna l-osservazzjoni li “Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta`

u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta` u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal-punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll iservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqqlu invece jibqa' fis-sehh. [*App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987*, citata b' approvazzjoni *PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002*].

"Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhux gustifikata la fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha."

Rat l-appell interpost mill-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tieghu mal-konvenuta li sehh f'Malta fl-4 ta' Ottubru, 1996. Hu qed jibbaza t-talba tieghu fuq allegat difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-hajja konjugali u l-elementi essenzjali taghha, u fuq simulazzjoni parzjali, fis-sens li eskluda l-obbligu ta' fedelta` u ta' l-att matrimonjali. Il-konvenuta, da parti taghha, tqis iz-zwieg taghha validu u tichad kull allegazzjoni ta' vizzju ta' kunsens. Jekk wiehed jaghsar ir-rikors ta' appell isib li l-appellant fir-realta` ghandu

aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha.

Il-kwadri tal-fatti huma ben delineati fis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, u din il-Qorti ma tarax il-htiega li terga' taghmel reassunt taghhom.

Bhala l-ewwel kawzali tieghu, l-attur jallega li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu. Nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ma jfissirx semplicement injoranza dwar xi aspetti tal-hajja mizzewga, izda jfisser li l-parti tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, cioe`, dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga. Fis-sentenza "Spiteri v. Porsella Flores noe" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar, 2000, dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' Viladrich P.J. ("Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated". Montreal 1993) fis-sens illi:
"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*".

Fil-kawza "Farrugia v. Farrugia", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Settembru, 1997, inghad ukoll illi:
"*Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens*

*matrimonjali ("Isabelle Zarb v. Stephen Attard – P.A. 21 ta' Novembru 1995). M'hix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibbilita` ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom*".

F'dan il-kaz, m'hemm xejn x'jindika li xi parti fil-kawza kienet qed tbati b'xi anomalia psikika, jew li ma kellhiex il-maturita` intelletwali biex tifhem l-implikazzjoni tal-pass li kienet qed taghmel. Il-fatt li l-attur jiddiskrivi lilu nnifsu bhala "womaniser", ma jfissirx li hu ma kienx jaf x'inhuma l-obbligi li jitwieldu miz-zwieg. Iz-zewg partijiet, meta izzewgu, kienu maturi (l-attur kellu 30 sena waqt li l-konvenuta kellha 32 sena), u ghalkemm il-konvenuta kellha impediment fiziku ma jirrizultax li kellha xi inkapacita` psikika li tifhem l-obbligazzjonijiet rizultanti minn zwieg.

Jirrizulta wkoll li l-partijiet kienu ilhom jghixu flimkien qabel ma zzewgu, tant li mir-relazzjoni li kellhom twieldet tarbija. Huma kienu ben konxji tal-pass li kienu se jaghmlu, u bhal l-ewwel Qorti qabilha, dina l-Qorti tara li ma jirrizultax li, fil-mument tal-kunsens, kien hemm xi parti li ma fehmitx jew li ma kienitx taf x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg.

Fit-tieni kawzali, l-attur jallega li hu qatt ma kellu intenzjoni li jkun fidil lejn martu. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza <u>Cassar v. Cassar</u>, deciza fil-31 ta' Mejju, 2004,
"Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).

Biex l-attur (appellant) jirnexxielu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta' probabbilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita`. Semplici suspetti jew suppozizzjonijiet u kongetturi, m'humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li hu ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg, ghamel dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova wkoll li hu b'att pozittiv tal-volonta` tieghu, fil-verita` cahad totalment li jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg (simulazzjoni totali) jew almenu cahad li jaghti l-kunsens matrimonjali tieghu billi b'att pozittiv tal-volonta` tieghu eskluda *a priori* xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabbilita`, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi *actore non probante reus absolvitur*.

F'din il-kawza l-appellant ma ressaq ebda prova hlief l-allegazzjoni tieghu li "my lifestyle and parallel relationships with other woman would not stop." L-attur, pero` ma ressaq ebda prova biex isostni din l-allegazzjoni. Din il-Qorti, gia` f'sentenza moghtija fit-28 ta' Lulju, 1987, fil-kawza "Farrugia v. Farrugia" kienet ghamlitha cara li z-zwieg mhux rabta coff, u l-Qorti ma tistax toqghod biss fuq konfessjoni gudizzjari; hemm bzonn provi konkreti sostanzjati b'xhieda u cirkostanzi. Il-fatt li circa sentejn fuq iz-zwieg, l-attur kellu relazzjoni ma' mara ohra, ma jfissirx li hu fil-mument tal-kunsens, kien eskluda l-fedelta`. Qabel ma sehh iz-zwieg, il-partijiet dahlu f'diversi kuntratti pre-nuzzjali, xtraw dar li kellha sservi bhala residenza matrimonjali, u ma tirrizulta ebda indikazzjoni ta' xi att pozittiv tal-volonta` li xi hadd minnhom jeskludi l-fedelta`. Il-fatt li wara z-zwieg, il-partijiet kellhom tarbija ohra, jimilita kontra l-argument li eskludew l-att matrimonjali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' l-attur billi tichad l-istess appell bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------